

31983R0810

8.4.1983

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 90/11

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 810/83
tal-5 ta' April 1983**

dwar il-klassifikazzjoni ta' oġġetti f'ċerti titoli jew sottotitoli tat-Tariffa Doganali Komuni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

jiddendel mal-ħajt, xaqq fuq quddiem biex ikunu inseriti muniti u bieb żgħir b'serratura;

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 97/69 tas-16 ta' Jannar dwar miżuri li għandhom jittieħdu għall-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni ⁽¹⁾ kif l-aħħar emendat minn l-Att ta' Adeżjoni tal-Greċja, u b'mod partikolari Artikolu 3 tiegħu,

Filwaqt li biex tkun żgurata applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni, għandhom ikunu provduti dispożizzjonijiet dwar il-klassifikazzjoni tat-tariffa ta' l-oġġetti li ġejjin;

1. karus taċ-ċeramika fl-għamla ta' qasquż, madwar 15-il ċm twil u 9 ċm għoli, b'disinn tal-fjuri, li għandu xaqq fuq wara sabiex ikunu inseriti muniti u b'tapp magħmul minn gomma ratba mdaħħal ġo toqba tonda fil-bażi li minnha l-muniti jistgħu jinħarġu;
2. karus taċ-ċeramika fl-għamla ta' figurin ta' raġel xiħ, madwar 18-il ċm għoli, b'wiċċ u ħwejjeġ impittrin fuqu, li għandu xaqq fuq wara sabiex ikunu inseriti muniti u b'tapp magħmul minn gomma ratba mdaħħal ġo toqba tonda fil-bażi li minnha muniti jistgħu jinħarġu;
3. karus taċ-ċeramika fl-għamla ta' pingwin, madwar 30 ċm għoli, li għandu kemm xaqq fuq wara biex ikunu inseriti muniti kif ukoll katnazz fil-bażi;
4. karus tal-plastik fl-għamla ta' pingwin, madwar 16-il ċm għoli, b'xalpa ħamra u xaqq fuq wara biex ikunu inseriti muniti;
5. karus fl-għamla ta' figura stilizzata ta' tarbija fuq injam impitter, madwar 16-il ċm għoli, li jikkonsisti f'kontenitur ċilindriku b'xaqq sabiex ikunu inseriti muniti u jiddendel permezz ta' labra ta' l-injam, li tista' tinqala' sabiex jinħarġu l-muniti u li jitwaħħal fis-sod ma' tliet sferi li jirrapreżentaw id-dirġajn u ras li ssellem;
6. karus tal-metall tal-ħadid fl-għamla ta' minjatura ta' kaxxa ta' l-ittri (madwar 12-il ċm għoli, b'bażi approssimament ta' 5 X 6 ċm), miżbugħ aħmar, li għandu toqba fid-dahar biex

Billi t-Tariffa Doganali Komuni mehmuża mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 950/68 ⁽²⁾, kif l-aħħar emendata mir-Regolament (KEE) Nru 604/83 ⁽³⁾, jelenka taħt it-titolu Nru 69.13 *inter alia* statwetti u ornamenti oħra, taħt it-titolu Nru 79.02, pupi, u taħt it-titolu Nru 97.03 *inter alia* ġugarelli oħra, taħt it-titolu Nru 39.07, artikoli ta' materjali tal-plastik deskritti fit-titolu Nru 39.01 sa 39.06, taħt it-titolu Nru 44.27 *inter alia* ornamenti jew artikoli oħra ta' l-injam li jingħoġbu, taħt it-titolu Nru 73.40, artikoli oħra tal-ħadid jew azzar, taħt it-titolu Nru 83.06 *inter alia* ornamenti ta' metall irħis; billi għall-klassifika ta' l-oġġetti msemmija iktar qabel it-titoli msemmija iktar il-fuq jistgħu jkun kunsidrati;

Billi dawn l-oġġetti, minħabba d-disinn u l-użu tagħhom, ma jipposedux il-karatteristiċi essenzjali ta' ġugarell lanqas, fir-rigward ta' l-artikoli 2 sa 5, ta' pupa; billi l-artikoli msemmija taħt 1, 2 u 3, taħt 4, taħt 5 u taħt 6 m'humiex għalhekk esklużi, rispettivament, mill-Kapitolu 69, 39 u 44 jew mis-Sezzjoni XV bis-saħħa tan-Noti 2 (f) tal-Kapitolu 69, 1 (q) tal-Kapitolu 39, 1 (o) tal-Kapitolu 44 jew 1 (m) tas-Sezzjoni XV; billi, madanakollu, fil-każ ta' l-artikolu 6, m'għandux il-karatteristiċi ta' ornament għal ġewwa bħal xarbitelli jew ornamenti tal-ħajt imsemmija fis-sottotitolu 83.06 tan-Noti ta' Spjegazzjoni għan-Nomenklatura tal-Kunsill ta' Koperazzjoni Doganali;

Billi l-għamla u d-dekorazzjoni (tiżjin) tagħhom jagħtu lill-ewwel ħames artikoli in kwestjoni l-karattru ta' ornamenti; filwaqt li la l-dimensjonijiet u lanqas il-funzjoni tagħhom bħala karus m'għandhom xi influwenza fuq il-karattru tagħhom bħala ornamenti; billi b'konsegwenza, l-ewwel tliet artikoli għandhom ikunu kklassifikati taħt it-titolu Nru 69.13; ir-raba' fis-sottotitolu 39.07 B V d), u l-ħames fis-sottotitolu 44.27 B; billi is-sitt artikolu, li jista jkun ittrattat bl-istess mod bħall- kaxx, kaxxetti, kaxx tal-kaxxa u kontenituri oħra li jirreferi għalihom il-paragrafu (B) (3) tan-Nota ta' Spjegazzjoni għan-Nomenklatura tal-Kunsill ta' Koperazzjoni Doganali in relazzjoni mat-titolu Nru 73.40, għandu jkun ikklassifikat taħt dak it-titolu fis-sottotitolu B;

⁽¹⁾ ĠU L 14, tal-21.1.1969, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 172, tat-22.7.1968, p.1.

⁽³⁾ ĠU L 72, tat-18.3.1983, p. 3

Billi l-miżuri pprovduti għalihom f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat dwar in-Nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti hawn taħt huma minn hawn il-quddiem ikklassifikati fit-titolu jew sottotitolu tat-Tariffa Doganali Komuni indikata għal kull wieħed:

- | | |
|--|---|
| 1. Karus taċ-ċeramika fl-għamla ta' qasquż, madwar 15-il ċm twil u 9 ċm għoli, b'disinn tal-fjuri, li għandu xaqq fuq wara biex ikunu inseriti muniti u tapp magħmul minn gomma ratba mdaħħal ġo toqba tonda fil-bażi li minnha l-muniti jistgħu jinħarġu: | 69.13 Statwetti u ornamenti oħra, u artikoli ta' tiżjin personali; artikolu ta' għamara |
| 2. Karus taċ-ċeramika fl-għamla ta' figurin ta' raġel xiħ, madwar 18-il ċm għoli, b'wiċċ u ħwejjeġ impittrrin fuqu, li għandu xaqq biex ikunu inseriti muniti u b'tapp magħmul minn gomma ratba mdaħħal f'toqba tonda fil-bażi li minnha l-muniti jistgħu jinħarġu: | 69.13 Statwetti u ornamenti oħra, u artikoli ta' tiżjin personali; artikoli ta' għamara |
| 3. Karus taċ-ċeramika fl-għamla ta' pingwin, madwar 30 ċm għoli, li għandu kemm xaqq fuq wara biex ikunu inseriti muniti u (kif ukoll) katnazz fil-bażi: | 69.13 Statwetti u ornamenti oħra, u artikoli ta' tiżjin personali; artikoli ta' għamara |
| 4. Karus tal-plastik fl-għamla ta' pingwin, madwar 16-il ċm għoli, b'xaġpa ħamra u xaqq fuq wara biex ikunu inseriti muniti: | 39.07 Artikoli ta' materjali tal-kwalitajiet deskritti fit-titolu Nri 39.01 sa 39.06:
B. Oħra.
V. Ta' materjali oħra
(d) Oħra |
| 5. Karus fl-għamla ta' figura stilizzata ta' tarbija fuq injam impitter, madwar 16-il ċm għoli, li jikkonsisti f'kontenitur ċilindriku b'xaqq biex ikunu inseriti muniti u jiddendel ma' labra ta' l-injam, li jista' jinqala' biex jinħarġu muniti u jitwaxx fis-sod ma tliet sferi li jirrapreżentaw id-dirgħajn u ras li jsellem: | 44.27 Lampi <i>standard</i> , lampi tal-mejda u fittings tad-dawl oħra ta' l-injam, artikoli ta' għamara, ta' l-injam, li ma jaqgħux taħt il-Kapitolu 94; kaxxetti għal oġġetti prezzjużi, kaxx tas-sigaretti, ġabar-rejjet, fruttieri, ornamenti u artikoli oħra li jingħoġbu ta' l-injam; kaxxetti għall-pożati, għal strumenti tad-disinn jew għall-vjolini, u reċipjenti simili, ta' l-injam; artikoli ta' l-injam għall-użu personali jew tiżjin, ta' xorta li normalment jinġarru fil-but, fil-basket ta' l-idejn jew fuq il-persuna; partijiet mill-artikoli msemmija qabel, ta' l-injam:
B. Oħra |
| 6. Karus tal-metall tal-ħadid fl-għamla ta' minjatura ta' kaxxa ta' l-ittri (madwar 12-il ċm għoli, b'bażi approssimament (bejn wieħed u ieħor) ta' 5 X 6 ċm), miżbugħ aħmar, li għandu toqba fid-dahar biex jiddendel mal-ħajt, xaqq (slot) fuq quddiem biex ikunu inseriti muniti u bieb żgħir b'serratura: | 73.40 Artikoli oħra tal-ħadid jew azzar
B. Oħra |

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul Brussel, fil-5 ta' April 1983.

Għall-Kummissjoni

Karl-Heinz NARJES

Membri tal-Kummissjoni
